# QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Appell Numru 343/2020/1**

**Il-Pulizija**

**vs.**

**Juanito Jimenez**
**Ramsey Farrugia**

Illum it-tmienja (8) ta' Lulju 2025

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-appellanti **Juanito Jimenez**, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 242693(M), u **Ramsey Farrugia**, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 265693(M), akkużati quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) talli nhar l-erbgħa u għoxrin (24) ta' Lulju tas-sena 2020, għall-ħabta ta' bejn id-disgħa ta' filgħodu (9:00am) u l-għaxra ta' filgħodu (10:00am) ġewwa l-fond numru 56, Haven, Triq il-Kwartin, Swieqi:

1. ikkommettew serq ta' ġojjellerija u flus kontanti għad-dannu tal-konjugi Simon Carl Betteley u Stacy Betteley u/jew persuni oħra, liema serq huwa ikkwalifikat bil-mezz, bil-valur u bil-lok;

2. ikkommettew serq ta' oġġetti għad-dannu ta' Emmanuel Gerada u/jew persuni oħra, liema serq huwa ikkwalifikat bil-mezz, bil-valur u bil-lok;

Lil Juanito Jimenez waħdu akkużat ukoll talli, fl-istess ħin, lok u ċirkostanzi u l-ġranet u x-xhur ta' qabel ġewwa dawn il-gżejjer:

3. saq jew ipprova jsuq vettura bil-mutur tal-għamla Ford Transit bin-numru ta' reġistrazzjoni GBU 508 mingħajr ma kien kopert b'polza ta' assigurazzjoni dwar ir-riskji għal terzi persuni;

4. saq jew ippermetta li titħalla vettura bil-mutur tal-għamla Ford Transit bin-numru ta' reġistrazzjoni GBU 508 fi triq, kemm ipparkjata kif ukoll jekk kienet qed tintuża, mingħajr liċenzja ta' ċirkolazzjoni maħruġa mill-Awtorita' għat-Trasport f'Malta;

5. irrenda ruħu reċidiv b'diversi sentenzi tal-Qrati tal-Maġistrati, liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula;

6. naqas milli jħares il-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti Kriminali hekk kif preseduta mill-Onorevoli Imħallef Dr. Aaron Bugeja LL.D., fid-digriet mogħti nhar il-15 ta' Mejju 2020, li bih tat il-ħelsien mill-arrest taħt garanzija u dan bi ksur ta' Artikolu 579(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

7. naqas milli jħares il-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti Kriminali hekk kif preseduta mill-Onorevoli Imħallef Dr. Giovanni Grixti LL.D., fid-digriet mogħti nhar id-29 ta' Novembru 2018, li bih tat il-ħelsien mill-arrest taħt garanzija

u dan bi ksur ta' Artikolu 579(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

8. naqas milli jħares il-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) hekk kif preseduta mill-Maġistrat Dr. Rachel Montebello LL.D., fid-digriet mogħti nhar it-8 ta' Lulju 2020, li bih tat il-ħelsien mill-arrest taħt garanzija, u dan bi ksur ta' Artikolu 579(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex, minbarra milli tapplika l-piena stabbilita mil-liġi, tirrevoka l-benefiċċju tal-ħelsien mill-arrest mogħti lill-imputat Juanito Jimenez u tordna l-arrest mill-ġdid tiegħu u dan *ai termini* ta' Artikolu 579(3) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Il-Qorti ġiet mitluba wkoll sabiex id-depożitu u s-somma bħala garanzija personali tgħaddi favur il-Gvern ta' Malta.

Finalment, il-Qorti ġiet mitluba wkoll sabiex, f'każ ta' ħtija, barra milli tapplika l-piena skont il-liġi tordna lill-imputati jħallsu l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti skont Artikolu 533(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tat-13 ta' Mejju 2025, fejn il-Qorti,

- <u>fil-konfront tal-imputat Juanito Jimenez</u>, filwaqt li lliberatu mill-imputazzjonijiet bin-numru tlieta (3), erba' (4), sitta (6), seba' (7) u tmienja (8) u lliberatu wkoll mill-addebitu tar-reċidiva *ai termini* ta' Artikolu 289 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, wara li rat Artikoli 17(b), 31, 49, 50, 261(b)(ċ)(e), 263(a), 266(1), 267, 269(g), 278(1)(2)(3), 279(a)(b), 280(1)(2) u 281 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-imputat Jimenez ħati tal-imputazzjonijiet bin-numru wieħed (1) u tnejn (2) u kkundannatu sitt (6) snin priġunerija;

- <u>fil-konfront tal-imputat Ramsey Farrugia,</u> wara li rat Artikoli 17(b), 31, 42(d), 261(b)(ċ)(e), 263(a), 266(1), 267, 269(g), 278(1)(2)(3), 279(a)(b), 280(1)(2) u 281 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-imputat Farrugia ħati tal-imputazzjonijiet

bin-numru wieħed (1) u tnejn (2) u kkundannatu tliet (3) snin priġunerija

B'applikazzjoni ta' Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti ordnat lill-imputati jħallsu bejniethom is-somma ta' elfejn, mitejn u erbgħa u sittin Euro u disgħa u sittin ċenteżmu (€2,264.69ċ) rappreżentanti spejjeż peritali.[1]

Finalment, *ai termini* ta' Artikolu 392A(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti ordnat li fi żmien sitt (6) ijiem tax-xogħol, l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għal kopja skenjata tal-atti, flimkien ma' aċċess għal kopja skenjata tas-sentenza.

Rat ir-Rikors tal-appellant Juanito Jimenez ippreżentat fit-28 ta' Mejju 2025 fejn talab lil din il-Qorti sabiex:

*"jogħġobha:*

*a. Tħassarha u tirrevokaha fil-parti fejn sabitu ħati tal-imputazzjonijiet fil-konfront tiegħu u tiddikjarah mhux ħati tagħhom u konsegwentement tilliberah minnhom skont il-liġi;*

*b. Alternattivament, u mingħajr preġudizzju, f'każ li dan l-appell ma jintlaqax, jogħġobha tħassarha fil-parti tal-piena, billi minflok tiġi mposta piena jew sanzjoni oħra li tkun aktar ekwa u ġusta għaċ-ċirkostanzi tal-każ."*

Rat ir-Rikors tal-appellant Ramsey Farrugia ppreżentat fid-29 ta' Mejju 2025 fejn talab lil din il-Qorti:

*"sabiex:*

*a. Fid-dawl tal-aggravju 'A', tiddikjaraha nulli u bla ebda effett fil-liġi l-atti kumpilatorji fl-intier tagħhom u per konsegwenza tiddikjara bħala nulla u bla effett ukoll is-sentenza appellata;*

[1] "€1,132.34ċ kull wieħed."

*U/Jew*

b. *Fid-dawl tal-aggravju 'B', fl-eventwalita' li t-talba preċedenti ma tiġix milqugħa, tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata in kwantu sabet lill-istess appellant ħati tal-imputazzjonijiet kollha dedotti kontrih u minflok tilliberah minnhom,*

*U/Jew*

c. *B'mod sussidjarju u strettament mingħajr preġudizzju għat-talbiet preċedenti, fid-dawl tat-taqsima 'C.1." taħt l-aggravju 'C', tgħaddi sabiex tassumi l-funzjonijiet ta' Qorti dwar id-droga fit-termini tal-Artikolu 8 tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta;*

*U/Jew*

d. *B'mod sussidjarju u strettament mingħajr preġudizzju għat-talbiet preċedenti tvarja l-piena erogata b'piena iktar ekwa u ġusta."*

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellanti eżebiti mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat ir-Risposta tal-Avukat Ġenerali għar-Rikors tal-appell tal-appellant Ramsey Farrugia, liema Risposta ġiet ippreżentata fis-16 ta' Ġunju 2025.

Rat ir-Risposta tal-Avukat Ġenerali għar-Rikors tal-appell tal-appellant Juanito Jimenez, liema Risposta ġiet ippreżentata fit-18 ta' Ġunju 2025.

Semgħet, fis-seduta tad-19 ta' Ġunju 2025, lill-konsulent legali tal-appellant Ramsey Farrugia u lill-avukat mill-uffiċju tal-Avukat Ġenerali jagħmlu s-sottomissjonijiet bil-fomm dwar l-ewwel aggravju ossia aggravju bl-ittra "A" hekk kif kontenut fir-Rikors tal-appell tal-appellant Ramsey Farrugia.

Rat in-Nota ta' Riferenzi tal-appellant Ramsey Farrugia li ġiet ippreżentata fid-19 ta' Ġunju 2025 wara li kienu nstemgħu s-sottomissjonijiet imsemmija fil-paragrafu preċedenti.

**Ikkunsidrat**

Illi din hija sentenza preliminari dwar l-ewwel aggravju mressaq mill-appellant Ramsey Farrugia fir-Rikors tal-appell tiegħu, liema aggravju huwa mmarkat bl-ittra "A". Dan l-aggravju huwa intitolat hekk: *"Preġudizzjali tan-nullita' tal-atti kumpilatorji"*. L-appellant Farrugia jargumenta li mill-verbal tas-seduta miżmuma quddiem l-Ewwel Qorti fil-31 ta' Lulju 2020 (*a fol.* 68 *et seq.*) jirrizulta li l-Qorti msemmija tat *"digriet tal-prima facie"*. Jisħaq li fit-termini ta' Artikolu 663(1) u l-*proviso* ta' Artikolu 664 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, id-digriet tal-*prima facie* ossia d-deċiżjoni li biha l-Qorti Istruttorja tiddeċiedi jekk jeżistux raġunijiet biżżejjed sabiex imputat jitqiegħed taħt Att ta' Akkuza, huwa wieħed minn dawk id-digrieti li għandu jingħata fil-Qorti bil-miftuħ. Jisħaq li dan id-digriet ma jinstabx fl-atti proċesswali ta' dan il-każ u li fl-assenza ta' tali digriet, il-kawża ma tistax titmexxa l-quddiem peress li jgħid li l-qofol tad-digriet imsemmi huwa li jiddetermina jekk ikunux tressqu raġunijiet biżżejjed mill-Prosekuzzjoni sabiex il-proċeduri kriminali kontra l-imputat ikunu jistgħu jissoktaw.

Illi l-appellant Farrugia jagħmel riferenza għal Artikolu 401(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u jisħaq li d-digriet tal-*prima facie* għandu jinkludi fih (a) id-deċiżjoni mill-Qorti Istruttorja dwar jekk jeżistux raġunijiet biżżejjed sabiex l-imputat jitqiegħed taħt Att ta' Akkuża u (b) l-ordni mill-Qorti Isruttorja sabiex l-istess imputat jitqiegħed taħt Att ta' Akkuża quddiem il-Qorti Kriminali. Jargumenta li ġialadarba l-atti processwali huma sajma minn dan id-digriet, id-deċiżjoni u l-ordni msemmija ma jemerġux u li b'hekk dan in-nuqqas irendi l-atti tal-kumpilazzioni nulli fl-intier tagħhom. Huwa jargumenta li dan tant huwa hekk li anke f'xenarji fejn l-Avukat Ġenerali joħroġ l-Att ta' Akkuża quddiem il-Qorti Kriminali, in-nuqqas ta' għoti tad-digriet li bih il-Qorti Istruttorja tiddeċiedi jekk hemmx raġunijiet sabiex individwu

jitqiegħed taħt ta' Att ta' Akkuża, huwa wieħed minn fost l-erba' difetti tant sostanzjali li minħabba fih l-Att ta' Akkuża jista' jiġi attakkat u dana fit-termini ta' Artikolu 597(4) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi fir-Risposta tiegħu, l-Avukat Ġenerali ma jaqbilx mal-aggravju in eżami. Huwa jisħaq li minkejja li huwa minnu li d-digriet tal-*prima facie* huwa nieqes mill-atti proċesswali, pero' fl-istess waqt fil-verbal tas-seduta miżmuma quddiem l-Ewwel Qorti fil-31 ta' Lulju 2020 hemm imniżżel li l-Qorti kienet qegħda tagħti d-digriet tal-*prima facie*. Jargumenta li filwaqt li huwa minnu li Artikolu 579(4) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi li difetti fl-atti kumpilatorji jġibu n-nullita' fl-Att ta' Akkuża, in-nullita' komminata mil-liġi hija unikament fuq l-Att ta' Akkuża u mhux l-atti tal-kumpilazzjoni quddiem il-Qorti Istruttorja. Jisħaq li minn eżami tad-dispożizzjonijiet ta' Artikolu 432(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta jirriżulta li n-nuqqas ta' tħaris ta' xi dispożizjonijiet tal-liġi dwar l-atti tal-kumpilazzjoni li jintbagħtu lill-Avukat Ġenerali ma għandhiex tiġi kkunsidrata bħala nullita', għaliex din ma hija msemmija mkien fid-dispożizzjonijiet ta' Artikoli 389 sa 409A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi dwar l-aggravju in eżami din il-Qorti tibda billi tinnota li mill-atti proċesswali jirriżulta, fost l-oħrajn, is-segwenti:

- iż-żewġ appellanti Juanito Jimenez u Ramsey Farrugia tressqu taħt arrest quddiem l-Ewwel Qorti fis-26 ta' Lulju 2020 u huma ġew akkużati bl-imputazzjonijiet elenkati aktar 'il fuq f'din is-sentenza;

- mill-verbal tas-seduta miżmuma quddiem l-Ewwel Qorti fil-31 ta' Lulju 2020 jirriżulta s-segwenti (*a fol.* 68 *et seq.*):

> "Il-Qorti semgħet is-sottomissjonijiet rigward *prima facie*.
>
> Il-Qorti rat li skont diversi sentenzi tal-Qrati Maltin il-grad rikjest għal *prima facie* huwa grad li

jinstab u li hu msejjes fuq suffiċjenza probatorja li tistrieħ bejn il-possibbli u l-probabbli u fejn il-Qorti tħoss ħtieġa ta' investigazzjoni ulterjuri.

Il-Qorti tqis li f'dan il-każ, dan il-grad minimu ġie milħuq u għaldaqstant qiegħda tagħti d-digriet tal-*prima facie.*

Ingħata d-digriet tal-*prima facie*.

Il-Qorti tordna li l-atti jiġu rinvjati lill-Avukat Ġenerali fiż-żmien skont il-liġi."

Illi għandu jingħad ukoll li kuntrarju għal dak li jgħidu kemm il-konsulent legali tal-appellant Ramsey Farrugia u kif ukoll l-avukat mill-Uffiċju tal-Avukat Ġenerali, l-atti proċesswali ta' dan il-każ jikkontenju fih d-digriet tal-*prima facie* (*a fol.* 113). Dan iġib id-data tal-31 ta' Lulju 2020 (ossia l-istess data tal-verbal tas-seduta miżmuma fil-31 ta' Lulju 2020 fejn ingħad li ngħata d-digriet tal-*prima facie*) bl-istess digriet jagħmel riferenza għall-okkju ta' din il-kawża ċioè dik fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Ramsey Farrugia et**.

Illi fid-digriet in kwistjoni hemm miktub is-segwenti bil-lingwa Maltija (*a fol.* 113):

"Il-Qorti,

Wara li ngħalqet il-kompilazzjoni tal-provi kollha miġjuba quddiemha kontra l-persuna/i imputata/i, tiddeċiedi illi hemm raġunijiet biżżejjed biex titqiegħed/jitqegħdu taħt Att t'akkuża; għalhekk tibgħatha/tibgħathom biex toqgħod/joqgħodu taħt dak l-att quddiem il-Qorti kompetenti u tordna illi l-Attijiet tal-Kompilazzjoni jintbagħtu lill-Avukat Ġenerali fiż-żmien mogħti mil-liġi flimkien ma' l-oġġetti li għandhom x'jaqsmu mal-ħtija."

Illi fl-istess digriet hemm miktub is-segwenti bil-lingwa Ingliża (*a fol.* 113):

> *"The Court,*
>
> *Having heard all the evidence adduced at the preliminary examination held by this Court into the charge against the person/s charged, hold that there are sufficient grounds for the trail of the person/s charged on indictment, and consequently, it commits him/her/them for trial before the competent Court, directing that the proceedings of the investigation, together with the material objects relating to the offence, be transmitted to the Attorney General within the time prescribed by law."*

Illi għaldaqstant mhux talli mhux minnu dak li jingħad fl-aggravju in eżami li fl-atti proċesswali ma hemmx digriet tal-*prima facie*, talli d-digriet tal-*prima facie* li effettivament jinsab fl-istess atti msemmija jinkludi fih kemm id-deċiżjoni mill-Qorti Istruttorja dwar jekk jeżistux raġunijiet biżżejjed sabiex l-imputat jitqiegħed taħt Att ta' Akkuża u kif ukoll l-ordni mill-Qorti Isruttorja sabiex l-istess imputat jitqiegħed taħt Att ta' Akkuża quddiem il-Qorti Kriminali. B'hekk dak imressaq mill-appellant Ramsey Farrugia fl-aggravju in eżami ma jwassal assolutament għal imkien bil-konsegwenza li l-ewwel aggravju tal-appellant imsemmi ossia dak immarkat bl-ittra "A" qed ikun miċħud.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-ewwel aggravju ossia dak immarkat bl-ittra "A" hekk kif kontenut fir-Rikors tal-appell imressaq mill-appellant Ramsey Farrugia u tordna l-prosegwiment tas-smiegħ tal-appell.

| | |
|---|---|
| **Onor. Dr. Neville Camilleri** | **Alexia Attard** |
| **Imħallef** | **Deputat Reġistratur** |